# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL 2014/901/PESK
## tat-12 ta' Diċembru 2014
## li temenda d-Deċiżjoni 2013/255/PESK dwar miżuri restrittivi kontra s-Sirja

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/255/PESK tal-31 ta' Mejju 2013 dwar miżuri restrittivi kontra s-Sirja ([1]),

Billi:

(1) Fil-31 ta' Mejju 2013, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2013/255/PESK.

(2) Fl-20 ta' Ottubru 2014, il-Kunsill qabel li tiġi imposta projbizzjoni fuq l-esportazzjoni ta' karburant tal-avjazzjoni u l-addittivi rilevanti lis-Sirja minħabba l-fatt li dawn qed jintużaw mill-forza tal-ajru tar-reġim ta' Assad li twettaq attakki indiskriminati kontra l-popolazzjoni ċivili.

(3) Hija meħtieġa aktar azzjoni mill-Unjoni sabiex dawk il-miżuri jiġu implimentati.

(4) Id-Deċiżjoni 2013/255/PESK għandha għalhekk tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-Artikolu li ġej jiddaħħal fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/255/PESK:

"*Artikolu 7a*

1. Il-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew l-esportazzjoni ta' karburant tal-avjazzjoni u addittivi formulati speċifikament għall-karburant tal-avjazzjoni lis-Sirja minn ċittadini tal-Istati Membri jew mit-territorji tal-Istati Membri, jew bl-użu tal-bastimenti jew l-inġenji tal-ajru bil-bandiera tagħhom, għandu jkun ipprojbit, sew jekk joriġina fit-territorji tagħhom sew jekk le.

2. Għandu jkun ipprojbit il-forniment, dirett jew indirett, ta' finanzjament jew assistenza finanzjarja, kif ukoll l-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni jew servizzi ta' senserija, marbuta ma' kwalunkwe bejgħ, forniment, trasferiment jew esportazzjoni ta' karburant tal-avjazzjoni u addittivi kif imsemmi fil-paragrafu 1.

3. L-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru jistgħu jawtorizzaw il-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew l-esportazzjoni ta' karburant tal-avjazzjoni u addittivi lis-Sirja jew il-forniment, dirett jew indirett, ta' finanzjament, assistenza finanzjarja, assigurazzjoni, riassigurazzjoni jew servizzi ta' senserija, neċessarji għall-użu min-Nazzjonijiet Uniti jew korpi li jaġixxu f'isimha għal skopijiet umanitarji bħall-għoti jew il-faċilitazzjoni tal-għoti tal-assistenza, inklużi provvisti mediċinali, ikel, jew it-trasferiment ta' ħaddiema umanitarji u assistenza relatata jew għall-evakwazzjonijiet mis-Sirja jew fis-Sirja.

4. Il-projbizzjonijiet fil-paragrafi 1 u 2 ma għandhomx japplikaw għall-karburant tal-avjazzjoni u addittivi użati esklużivament mill-inġenji tal-ajru ċivili mhux Sirjani li jinżlu fis-Sirja, sakemm dawn huma intiżi jew użati biss għall-finijiet li l-ajruplan mgħobbi bihom ikompli f'titjirtu.

5. L-Unjoni għandha tieħu l-miżuri meħtieġa sabiex tiddetermina l-elementi rilevanti li għandhom ikunu koperti b'dan l-Artikolu.".

([1]) ĠU L 147, 1.6.2013, p. 14.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tagħha f*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, it-12 ta' Diċembru 2014.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

S. GIANNINI